

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 554/2009****tal-25 ta' Ġunju 2009**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2597/2001 dwar il-kwoti tat-tariffi għal ġerti nbejjed li joriġinaw fl-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2002 tal-21 ta' Jannar 2002 fuq ġerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Proviżorju bejn il-Komunità Ewropea u l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħħa l-waħda, u l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħħa l-oħra, sabiex tibda titqies l-addeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (<sup>(2)</sup>), minn issa l-quddiem imsejjaħ "il-Protokoll", ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2008. Ġie approvat fissem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2008/438/KE, Euratom (<sup>(3)</sup>) u tħaddem fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.
- (2) L-Artikolu 5 tal-Protokoll u l-Anness VIII ta' miegħu jipprovd u għal tibdiliet fil-kwoti eżistenti tat-tariffi għal ġerti nbejjed fkontenituri li jġorru aktar minn 2 litri, li joriġinaw fl-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2009.

(3) Sabiex wieħed jimplimenta l-kwoti tat-tariffi preskritt fil-Protokoll, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/2001 tal-28 ta' Diċembru 2001 li jiftaħ u li jipprovd għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għal ġerti nbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja u fl-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (<sup>(4)</sup>).

(4) Is-suddiżiżonijiet tat-TARIC għal ġerti subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) inbidlu mill-1 ta' Lulju 2007. Is-suddiżiżonijiet tat-TARIC għal dawn il-kodiċijiet tan-NM fil-Parti II tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2597/2001 għandhom għaldaqstant jiġu aġġustati skont dak it-tibdil.

(5) Billi l-Protokoll japplika mill-1 ta' Jannar 2007, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħi immedjatamente.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti II tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2597/2001 jinbidel bit-test imniżżeż fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

(<sup>1</sup>) ĠU L 25, 29.01.2002, p. 16.

(<sup>2</sup>) ĠU L 99, 10.04.2008, p. 2.

(<sup>3</sup>) ĠU L 155, 13.06.2008, p. 15.

(<sup>4</sup>) ĠU L 345, 29.12.2001, p. 35.

## ANNESS

## “PARTI II: L-EKS REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Suddiċiżjoni TARIC	Deskrizzjoni	Volum ta' kwota annwali (l <sup>3</sup> hl)	Dazju tal-kwotat-tariffi
09.1558	ex 2204 10 19	98 (1)	Inbid ifexfex, minbarra x-Xampanja jew 1-Asti spumante	49 000 (2)	Eżenzjoni
	ex 2204 10 99	98 (1)	Inbid ieħor minn għeneb frisk, freċipjent li jesa' 2 litri jew anqas		
	2204 21 10				
	ex 2204 21 79	79, 80			
	ex 2204 21 80	79, 80			
	ex 2204 21 84	59, 70			
	ex 2204 21 85	79, 80			
	ex 2204 21 94	20			
	ex 2204 21 98	20			
	ex 2204 21 99	10			
09.1559	2204 29 10		Inbid ieħor magħmul minn għeneb frisk, freċipjenti li jesgħu iktar minn 2 litri	350 000 (3)	Eżenzjoni
	2204 29 65				
	ex 2204 29 75	10			
	2204 29 83				
	ex 2204 29 84	20			
	ex 2204 29 94	20			
	ex 2204 29 98	20			
	ex 2204 29 99	10			

(1) Din is-suddiċiżjoni tat-TARIC tapplika mill-1 ta' Lulju 2007.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2008, dan il-volum ta' kwota għandu jiżdied kull sena b'6 000 hl.

(3) Mill-1 ta' Jannar 2008, dan il-volum ta' kwota għandu jiżdied kull sena b'6 000 hl.”